Shigella - Leaflet (Mlt) 2023 FINAL.pdf 1 10/07/2023 07:47:08

## Kif nista' nittestja għax-Shigella?

Jekk għandek sintomi ta' infezzjoni tax-Shigella, jekk jogħġbok ikkonsulta lit-tabib (il-GP) jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek għal aktar pariri. L-ippurgar tiegħek jista' jiġi ttestjat għall-preżenza tal-batterji tax-Shigella.

## X'għandi nagħmel jekk naħseb li jista' jkolli x-Shigella?

**Tista' tikkuntattja jew iżżur:**

**It-tabib jew iċ-ċentru tas-saħħa lokali tiegħek**

**Il-GU Clinic fuq 2545 7491**

**Ibgħat messaġġ fuq Messenger lil Sexual Health Malta jew email fuq sexualhealth.malta@gov.mt**

SEXUALHEALTH MALTA

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
Tel: 2326 6000, www.hpdp.gov.mt

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

HPDPMalta
www.healthpromotion.gov.mt

Ⓟ 2023



# SHIGELLA X'inhi?

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

Shigella - Leaflet (Mlt) 2023 FINAL.pdf 2 10/07/2023 07:47:09

## X’inhi x-Shigella?

Ix-Shigella hija batterju li jikkawża marda bid-dijarea (shigellożi/shigellosis).

## Kif jinxterdu l-batterji tax-Shigella?

**Ix-Shigella tista’ tinxtered permezz ta’ kuntatt mal-feċi (il-kokò) ta’ persuna infettata:**

- Meta jittiekel ikel ikkontaminat minn persuna li tbati mix-shigellożi
- Meta jinbela’ ilma kkontaminat minn materja fekali infettata
- Waqt is-sess, jekk il-batterji fil-materja fekali jgħaddi għall-ħalq meta jintlagħqu mill-ġilda, kondoms jew *sex toys* kkontaminati. Għalhekk, attivitajiet bħas-sess oro-anali (rimming) u l-istimulazzjoni tal-anu bis-swaba’, iżidu r-riskju ta’ infezzjoni.

**Ix-Shigella hija infettiva ħafna u meħtieġ ammont żgħir biss ta’ batterji biex ikun hemm infezzjoni.**

## X’inhuma s-sintomi tal-infezzjoni tax-Shigella u kemm idumu?

Ix-Shigella mhux dejjem turi is-sintomi, iżda xorta tinxtered minn persuna għall-oħra. Is-sintomi tipiċi, jibdew jidhru bejn ġurnata u erbat ijiem wara l-esponiment u jistgħu jdumu sa sebat ijiem wara.

**Sinjali u sintomi tal-infezzjoni tax-shigella jinkludu:**

- Dijarea li ddum aktar minn 48 siegħa (spiss bid-demm u t-tisfija fiha)
- Brim fl-istonku
- Deni
- Tħoss il-ħtieġa li tipporga anki meta l-imsaren ikunu vojta (tenesmus)

## Jekk it-test tal-ippurgar irriżulta li għandi x-Shigella. X’għandi nagħmel biex ma ngħaddix ix-Shigella lill-ħaddieħor?

Ix-Shigella hija infettiva ħafna u tista’ tibqa’ preżenti fl-ippurgar tiegħek għal ftit ġimgħat wara li jkunu għaddewlek is-sintomi. Għalhekk importanti li:

- Taħsel idejk ta’ spiss bis-sapun u bl-ilma speċjalment wara li tuża’ l-kamra tal-banju.
- Ma tippreparax l-ikel għal oħrajn jekk tkun marid/a u sa ġimgħa wara li jieqfu s-sintomi. Wara dan, ara li dejjem taħsel idejk qabel tipprepara l-ikel.
- Tevita kull attività sesswali sa ġimgħa wara li jieqfu s-sintomi. Wara dan, ħu miżuri biex tevita l-esponiment orali-fekali matul is-sess.
- Ma’ taqsamx, ix-xugamani tad-dar ma’ ħaddieħor , u naddaf ta’ spiss bil-misħun u s-sapun il-viti kollha, il-pumi tal-bibien, il-manku/buttuna tal-*flushing* u s-sedil tat-*toilet*.
- Ma’ tidħolx fi spas/jacuzzi/pixxini.
- Tistenna 48 siegħa wara li jieqfu s-sintomi qabel tmur lura għax-xogħol. Jekk xogħolok huwa fl-ikel, il-kura tas-saħħa jew l-indukrar tat-tfal, għandek iġġib approvazzjoni mis-Saħħa Pubblika qabel ma tmur lura x-xogħol.

## X’inhi l-kura għall-infezzjoni tax-Shigella?

Għalkemm is-sintomi jistgħu ma jkunux pjaċevoli, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawn jgħaddu fi żmien ġimgħa u kul ma jkun hemm bżonn huwa li wieħed jieħu l-fluwidi u jistrieħ. Xi individwi, speċjalment jekk immunosoppressi, jistgħu jiżviluppaw mard aktar gravi u fit-tul li jkun jeħtieġ kura l-isptar. Kura antibijotika tingħata f’każijiet severi biex tnaqqas fid-dewmien tas-sintomi.

## X’nista’ nagħmel biex nevita infezzjoni tax-Shigella?

- Aħsel idejk ta’ spiss speċjalment qabel tiekol u wara li tmiss oġġetti/uċuħ potenzjalment ikkontaminati b’materja fekali (eż. ħrieqi).
- Evita ilma tax-xorb jew tal-għawm potenzjalment ikkontaminat (eż. xorb minn nixxigħat jew waqt l-għawm).
- Meta tivvjaġġa, ara li tikkonsma ikel u ilma sikur.
- Naqqas l-esponiment fekali-orali waqt is-sess.
  - Aħsel idejk, il-ġenitali u l-anu bis-sapun u l-ilma qabel u wara l-attività sesswali.
- Uża sew il-prevenzjoni waqt is-sess. Dan jinkludi kondoms matul is-sess anali u vaġinali; ingwanti tal-*latex* jekk jiddaħħlu s-swaba’ jew il-ponn fl-anus, u *dental dams* għas-sess orali u orali-anali.
- Tinvolvix ruħek f’attivitajiet sesswali ma’ persuni li għandhom jew li reċentement kellhom id-dijarea.